MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 158/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Alexander Rapa (K.I. 215673M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbatax-il ewro u tmintax-il centezmu (€714.18) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma servizzi moghti mis-socjeta' attrici skont kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat 'Dok A' u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kella ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar kont u cioe' mill-1 ta' Frar, 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 14 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqs li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------